# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 28**

**Avviz numru 98/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc ga' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Anthony Borg u l-istess Anthony Borg.**

**vs**

**Carmel Tonna**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat d-9 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma komplessiva ta' LM567 (hames mija u seba' u sittin lira Maltin) danni kwantu ghall-LM442 (erba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltin) mhallsa mill-attur nomine u ghall-liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu u kwantu ghall-LM125 (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) "excess" imhallas mill-assigurat Anthony Borg fuq vettura CBG-786 assikurata comprehensive u dan b'rizultat ta' habta li grat fis-26 ta' Gunju 2000 go tas-Sliema waqt li hu kien qed isuq il-vettura DBB-146 habat mal-vettura CBG-786 proprjeta' ta' Anthony Borg u misjuqa minn Vanessa Ramona Borg u ghal liema incident hu kien unikament responsabbli;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2000, u dawk tal-Mandat Kawtelatorju numru 3066/2000/CX u bl-imghax tat-8% fuq LM567 millum sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara htija ta' Vanessa Ramona Borg konducenti tal-vettura assikurata mis-socjeta' attrici noe;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**1. Illi l-incident de quo sehh ghall-habta tat-8.30 a.m. tas-26 ta' Gunju tas-sena 2000 gewwa**

**Regional Road ftit l-isfel mill-pompa tal-petrol li hemm qabel il-"lights" fid-direzzjoni lejn il-Belt;**

2. **Illi fl-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Tata bin-numru ta' registrazzjoni CBG-786 misjuqa minn Vanessa Ramona Borg u truck tar-"Ready Mix" bin-numru ta' registrazzjoni DBB-146 misjuq mill-konvenut Carmel Tonna;**

3. **Illi jirrizulta li meta z-zewg vetturi kienu wasslu hdejn il-"lights" it-tnejn waqqfu hdejn xulxin jistennew id-dawl jinqalbu biex ikunu jistghu jipprocedu;**

4. **Illi skond l-imsemmija Borg hi kienet wieqfa fil-karreggjata centrali mentri l-konvenut kien fuq il-lemin taghha, bejnha u s-'central strip';**

5. **Illi pero' skond il-konvenut dan isostni li kien hu fil-karreggjata centrali, b'karozzi ohra fuq iz-zewg nahat tieghu;**

6. **Illi meta nqalbu d-dwal il-vetturi imxew u sehhet il-kollizjoni;**

7. **Illi addirittura l-imsemmija Borg issostni li l-konvenut dahal fiha minghajr ma induna biha mentri l-konvenut isostni li din Borg giet minn naha tax-xellug tieghu biex tidhol fil-karreggjata tieghu u dahhlet fih;**

8. **Illi rigward l-ispejjez rikjamati mill-atturi, il-konvenut jirrileva li ma jikkontendix biss l-ammont ta' tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjoni tax-xufiera tal-vettura tal-marka Tata bin-numru CBG-786 Vanessa Ramona Borg hi aktar verosimili u wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tirrizulta aktar verosimili u timmerita s-sostenn ta' din il-qorti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Carmel Tonna unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' hames mija u tmintax-il-Lira Maltin u seba' u tletin centezmu, (LM518.37,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Carmel Tonna ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi, bl-ispejjez u imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**